**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 4/2023 JVC**
**Wara sentenza tal-Arbitru**
**Datata 21 ta' Awwissu, 2023 fl-ismijiet:**

**Maria Dolores Said (KI Nru 23755G)**

**vs.**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

**Illum 8 ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Arbitru datata 21 ta' Awwissu, 2023 fejn gie kkunsidrat u deciz kif isegwi:

'Il-partijiet qablu li dan l-appell ghandu jinstema mal-appell iehor f'isem Anthony Said bir-referenza UMP 89/22 u DSS 206/22

Ikkonsidera

Illi dan l-appell jittratta dwar decizjoni tad-Dipartiment li jintalab ir-refuzoni tal-pensjoni tal-eta' li thallset lill-appellanta wara li rrizulta li bieghet proprjeta' li ma gietx dikjarata.

Illi mix-xhieda u dokumentazzioni prodotta rrizulta li mill-investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment r-ragel tal-appellanta (Anthony Said) biegh proprjeta' li s-sehem tieghu kien ta' EUR61,145.82 liema bejgh qatt ma gie dikjarat mill-appellanti lid-Dipartiment kif hu obbligat li ssir u dan b'effett mit-30 ta' Marzu 2013 meta sar il-bejgh.

Irrizulta wkoll li f'Marzu 2014 r-ragel tal-appellanti nforma lid-Dipartiment li l-flus mill-bejgh tal-proprjeta' ma kienx ddepositahom il-bank ghaliex kellu xi xogholijiet x'jaghmel fid-dar. Jigifieri f'Marzu tal-2014 id-Dipartiment kien mgharraf b'dak li ghamel r-ragel tal-appellant u dan kuntrarju ghal dak li kiteb fir-risposta tieghu tal-appell datat 30 ta' Awwissu 2022. Irid jinghad li din id-dikjarazzjoni b'ebda mod ma tirifletti dak li qal fl-affidavit tieghu u anke waqt ix-xhieda Alvin Spiteri Debono. L-arbitru jaqbel mad-Dipartiment li dan l-affidavit ma giex accettat tenut kont ukoll li sar fl-2021.

Irid jinghad li mill-files dipartimentali relattivi d-Dipartiment ma jidhirx li kellu hegga biex jinvestiga dan il-kaz ghaliex kien biss fl-2021 li kkonkluda dan ix-xoghol u hareg id-decizjoni tieghu li minnha hemm appell odjern. Dan huwa nuqqas serju tad-Dipartiment li ma

ghandux jbaghti l-appellant u l-mara tieghu. Ghalhekk id-dipartiment ma jistax jippretendi li jigbor l-ammont kollu mill-5 ta' April 2013 meta l-appellant kien diga' nforma lid-Dipartiment sa mis-sena 2014 imma d-Dipartiment dam ben seba (7) snin biex johrog decizjoni.

L-arbitru sema' t-trattazzioni tal-partijiet fejn gabu l-argumenti taghhom favur il-posizzjoni ta' kull naha.

Ghal dawn il-motivi l-appell ta' Maria Dolores Said qed jigi michud u d-decizjoni tad-Dipartiment datat 10 ta' Jannar 2022 qed tigi kkonfermat bhala korrettta'

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li l-appellat kien informa lill-appellanti permezz ta' ittra datata 10 ta' Jannar, 2022 (esebita a fol. 41 tal-process) li kien irrizulta li thallset zejjed is-somma ta' €7,967.68 fil-Pensjoni tal-Eta li rceviet mid-Dipartiment ghall-perjodu mill-15 ta' April, 2017 sat-22 ta' April, 2019 u dan minhabba bejgh ta' proprjeta'. Giet wkoll infurmata li l-hlas zejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10 % mill-pensjoni tal-eta' jew beneficcji ohra taghha.

3. Rat li l-appellanti intavolat appell quddiem l-Arbitru kontra dik id-decizjoni fejn sostniet kif isegwi:

'a. Assolutament ma hux minnu li sar xi hlas zejjed mid-dipartiment bejn il-15.04.2017-22.04.2019 minhabba bejgh ta propjetà.

b. Illi l-esponenti ma taf li sar ebda bejgh ta' propjeta taghha jew li ghandha sehem minnha fiz-zmien imsemmi u ghalhekk kwalunkwe tnaqqis huwa bla bazi.

c. Illi fi kwalunkwe kaz hija tirrizerva li taghmel sottomissjonijiet ohra wara li tigi informata dwar liema bejgh qed issir referenza ghalih.'

4. Rat li d-Direttur appellat irrisponda ghal dak l-appell kif isegwi:

'Illi l-appellanti kienet u ghadha beneficcjarja tal-Pensjoni ta' l-Eta' mhux Kontributorja (AP).

Illi dan l-appell jikkoncerna ammont ta' hlas zejjed ta' €7,967.68.

Illi minn investigazzjoni tad-Dipartiment irrizulta li r-ragel tal-appellanti fit-30 ta' Marzu 2013, kien involut flimkien ma terzi fil-bejgh ta' propjeta' u cioe' "100, Triq il-Hamri, Ghajnsielem' ghall-valur ta' €157,960; illi fl-istess kuntratt hem imnizzel illi sehem ir-ragel tal-appellanti minn tali bejgh kien ta' €61,145.82; illi dan il-bejgh qatt ma gie iddikjarat mill-appellanti mad-Dipartiment kif hu kien obbligata li jaghmel; illi ghalhekk id-Direttur Generali ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti ma kelliex kapital li jeccedi l-iskala stabbilita u dan b' effett mit-30 ta' Marzu 2013.

Illi ghalhekk fl-10 ta' Jannar 2022, id-Dipartiment talab lill-appellant biex jirrifondi l-ammont imsemmi aktar il-fuq li jkopri l-perjodu bejn il-15 t' April 2017 u t-22 t'April 2019.

Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principju ta' mportanza, u ghalhekk, ghandu jigi michud.'

4. Rat illi Maria Dolores Said appellat mid-decizjoni tal-Arbitru fejn elenkat il-fatti skont hi kif isegwi u qajjmet tlett aggravji:

'Illi l-appellanta Maria Dolores Said twieldet fin-1955 u ghalhekk hija bdiet tircievi l-pensjoni f1-2017 tal-eta ta' 62 in ottempranza mal-artiklu 2(i) (b) tal-Kap 318;

Illi l-obbligu sabiex hija tforni informazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja taghha skatta minn dakinhar u mhux qabel.

Illi l-ilment tal-appellat jittratta kuntratt li gie ippublikat ferm qabel is-sena 2017 u cioe f'Marzu 2013.

Illi dan il-kuntratt tat-30 ta' Marzu 2013 kien kuntratt li permezz tieghu Anthony Said, ir-ragel tal-appellanta u ohrajn kienu bieghu propjeta provenjenti minn wirt u ghalhekk propjeta parafernali ta' Anthony Said.

Illi mill-atti ghandu jirrizulta illi d-dipartment kien fil-fatt konsapevoli ta' dan il-kuntratt minn Anthony Said tant li f April 2014 hemm notament fil-process li d-dipartiment indaga ma l-imsemmi Anthony x'ghamel bir-rikavat tal-kuntratt. Ara minuta 26.

Illi fil-fatt il-pensjoni tar-ragel li kien l-uniku wiehed mil-konjugi Said li kien qieghed jircievi l-pensjoni giet attwalment imnaqqsa.

Illi l-appellanta thossha aggravata bis-sentenza tal-arbitru.

Illi l-aggravju tal-appellanta huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**1. L-ewwel aggravju**

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi ghalkemm irrizulta ghal arbitru illi r-ragel tal-appellanta kien fil-fatt ddiskuta mad-dipartiment ir-rikavat tal-bejgh derivanti mill-kuntratt tant li qal li, 'Irrizulta wkoll li f'Marzu 2014 r-ragel tal-appellanti nforma lid-Dipartiment li l-flus mil-bejgh tal-propjeta ma kienx ddepozitahom il-bank ghaliex kellu xi xoghlijiet x'jaghmel fid-dar. Jigifieri f Marzu 2014 id-dipartiment kien mgharraf b'dan li ghamel ir-ragel tal-appellanti" u minkejja dan l-gharfien xorta wahda ippenalizza lill-appellanti talli ma nfurmatx lid-dipartiment.

**2. It-tieni aggravju**

Illi t-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-oneru tad-disclosure kien tar-ragel taghha u dan ghal-tliet ragunijiet:

a l-ewwel lok kien ir-ragel taghha biss illi f dak iz-zmien kien qed jircievi pensjoni stante li hija kienet ghada ma tercevix il-pensjoni.

b Illi l-kuntratt si tratta bejgh ta' propjeta parafernali tar-ragel u mhux propjeta formanti parti mil-komunjoni tal-akkwisti.

c Illi l-bilanc ta' dawk il-flus sakemm giet biex tiehu l-pensjoni kienu intefqu "manutenzjoni fid-dar u fi hlas lura ta' self ta' ammonti ta' flus li kienu rcevew matul iz-zmien minn Alvin Spiteri Debono. Ghalhekk kellu jirrizulta lill-arbitru bl-akbar rispett illi l-appellanta ma naqset minn ebda aspett u d-decizjoni tad-direttur kellha tigi rrevokata.

Illi la darba ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-appellanta ma hux gust illi hija tigi ippenalizzata semplicement minhabba nuqqas tad-dipartiment. L-appellanta tikkondivi bis-shih mar-ragunament tal-arbitru illi d-dipartment ghamel hazin fid-dewmien tieghu biex jinvestiga liema investigazzioni bdiet fit-2021, seba' snin wara l-kuntratt u ghaldaqstant minghajr pregudizzju ghal dak li inghad l-appellanta ma ghandhiex tigi ippenalizzata ghal dan id-dewmien

minn naha tad-dipartiment u dan ukoll ai termini tal-artiklu 102(1) tal-Kap 318.

**3. It-tielet aggravju**

It-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi d-decizjoni u konsegwenti talba ghal-hlas hija preskritta ai termini tal-aritklu 2156(g) tal-Kap 16. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, u cioe li l-ebda ammont ma huwa dovut, jirrizulta li hemm xi ammont dovut, ghandhom jigu applikati 1-Artikolu 1027 u l-Artikolu 2156(g) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta b' dana illi r-rata applikabbli ghar-rifuzjoni m'ghandhiex tkun dik ta 10% hekk kif indikata mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali.

Jinghad li it-talba ghal hlas hija preskritta bid-dekors ta' hames snin stante li hawn si tratta ta' kuntratt ippubblikat fit-2014 u decizjoni li ttiehdet fit-2022.'

Illi ghalhekk l-appellanti talbet sabiex din il-Qorti tirrevoka u tannulla is-sentenza tal-arbitru tal-21 ta' Awwissu 2023 li kkonfermat id-decizjoni tad-direttur tas-Sigurta Socjali tal-10 ta' Jannar 2022 fl-intier taghha u konsegwentement ghar-ragunijiet esposti u wara li tisma x-xhieda u s-sottomissjonijiet taghha skont il-ligi u tara l-process kollu, tilqa' l-appell taghha.

5. Illi permezz tar-risposta tieghu d-Direttur jsostni kif isegwi:

**‘L-EWWEL AGGRAVJU:**

**Apprezzament hazin ta’ fatti**

5. Illi minkejja li l-appellanta issostni t-tezi taghha abbazi tal-fatt li '*r-ragel tal-appellanta kien fil-fatt iddiskuta mad-dipartiment ir-rikavat tal-bejgh derivanti mill-kuntratt tant li qal li, irrizulta wkoll li f’Marzu 2014 r-ragel tal-appellanti informa lid-Dipartiment li I-fus mill-beigh tal-propjeta ma kienx ddepozitahom il-bank ghaliex kellu xi xogholijiet x'jaghmel fid-dar.*' Din it-tezi mhu xejn ghajr dikjarazzioni li inzamm ammont ta' flus kontanti fir-residenza tal-appellanti sabiex ma jirrizulta xejn fil-bank u minkejja l-emfazi ta din it-tezi, ma ngabitx il-prova fix intefaq l-ammont ta €61,145.82 perceput fl-2013.

6. Illi wiehed irid jzomm quddiem ghajnejh li t-test tal-mezzi huwa stabbilit fil-Ligi u mhux diskrezzjonali u ghalhekk l-Arbitru ma kellu ebda alternattiva ghajr li jimxi mal-parametri li tistabbilixxi I-Ligi u gialadarba dawn jeccedu u l-kalkolu ibbazati abbazi tal-istess parametri kien korrett ghallura l-Arbitru ma kellux alternattiva ghajr li jikkonferma d-decizjoni tad-Direttur Generali Sigurta' Socjali.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**It-Tieni AGGRAVJU:**

**L-Oneru tad-disclosure**

7. Illi bid-dovut rispett, meta wiehed jigi sabiex japplika ghal beneficiji kemm kontributorji u dawk mhux kontributorji mal-applikazzioni tigi iffirmata dikjarazzjoni li permezz taghha l-applikant/a jiddikjaraw li l-informazzjoni li qieghdin jipprovdu hija korretta u fattwali tant li l-appellanta iffirmat ukoll taht fejn fl-applikazzioni hemm imnizzel '*I declare, that all Information given is to my knowledge true, complete and correct. I understand that if the Information given is false, I/we will be penalised as stipulated in the Criminal code and can also lose the right for benefit, or part of it, as stipulated by the Social Security Act.*' Ghaldaqstant, in vista t'hekk biss l-applikanta ma tistax tghid li l-onoru tad-*disclosure* meta kienet qieghda tapplika hi, kien fuq zewgha stante li l-applikazzjoni kienet qieghda tintela minnha. Irrelevanti meta jkun ippublikat il-kuntratt dak li huwa applikabbli huma l-fatti u l-mezzi dakinhar tal-applikazzjoni u ghalhekk fil-mument tal-applikazzioni ma tistax taghzel x'tiddikjara imma applikant huwa obbligat li jiddikjara kollox.

8. Illi fir-rigward tal-fatt li l-bejgh tal-propjeta' kien ta' propjeta parafernali tar-ragel u mhux propjeta formanti parti mil-kommunjoni, huwa principju ben affermat fil-ligi taghna li meta bejn il-mizzewgin jirrenja r-regim tal-kommunjoni tal-assi, kwalunkwe qliegh jew

propjeta' likwidati fiz-zwieg anke jekk is-sors taghhom jkun parafernali, tappartjeni ugwalment liz-zewg partijiet.

9. Illi bid-dovut rispet, ghalkemm it-tezi tal appellanta f'dan ir-rigward hija li l-bilanc ta' dawk il-flus kienu intefqu f'manutenzjoni fid-dar, jizdied ukoll l-fatt li anke kienu rcevew flus taht il-kappa ta self minghand certu Alvin Spiteri Debono. Dan kollu quddiem il-proceduri tal-Arbitru ma giex ikkoraborat bi provi dokumentarji hlief ghax-xhieda tal-istess Alvin Spiteri Debono u ghalhekk fuq bilanc ta' probabilita' kemm id-Direttur Generali Sigurta' Socjali kif ukoll l-Arbitru kellhom bizzejjed bazi sabiex jaslu ghad-decizjoni li waslu.

10. Illi f'dan il-kamp l-onoru li tingieb il-prova l-applikazzjoni tal-appellanta ma jinkombix fuq id-Dipartiment fil-fatt serje ta' sentenzi ta' dina I-Onorabbli Qorti, fosthom fir-rikors numru 7/2022 fl-ismijiet Wailin Grech -vs- Direttur Generali Sigurta' Socjali, dina l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onor Imhallef Lawrence Mintoff riteniet '*Il-Qorti fehmet li l-appellat kellu jiffaccja diversi sitwazzionijiet difficli f'hajtu, izda kien dmir tieghu li ressaq provi sufficjenti sabiex juri l-flus li messew lilu fhiex intefqu, u jekk huwa ghad ghandu bzonn tal-ghajnuna socjali li applika ghaliha, in vista tal-fatt li l-applikazzioni ghall-beneficcju ghal qaghad issa ilha li saret minnu ghadd ta' snin ilu.' In oltre, l-istess Qorti qalet ukoll* ***'II-Qorti tabel mal-appellant li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' ghajnuna u beneficcji socjali, huwa dejjem fuq dak li jkun qieghed jitlob l-ghajnuna!*** Id-dritt li d-Direttur jitlob informazzjoni fuq il-

beneficcjarji minghand entitajiet pubblici huwa biss livell iehor ta' icekkjar fuq il-beneficcarji u mhux sostitwit tal-obbligu tal-applikant li jissottometti mad-Dipartiment informazzioni korretta u intiera.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**It-Tielet AGGRAVJU:**

**Preskrizzjoni**

11. Illi l-beneficcji socjali huma regolati permezz tal-KAP 318 tal-Ligijiet ta' Malta li hija ligi specjali u ghalhekk japplika l-principju ta' *lex specialis derogat legi generali*. Il-hlas zejjed ta' beneficci huwa filfatt regolat bl-artikolu 102 tal-Kap imsemmi. Dan il-punt gie trattat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Lawrence Mintoff fir-rikors numru 8/2022 fI-ismijiet Carmelo Vella -vs- Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali fejn premetta '*Illi ghalhekk il-Kap. 318 ma jipprefiggi l-ebda limitazzioni ta' zmien sabiex id-Direttur Generali appellant jitlob lura ir-rifuzjoni ta' xi hlas zejjed. Il-ligi tippreskrivi biss li meta jkun ghadda terminu ta' sentejn minn meta jkun sar il-hlas zejjed, id-Direttur Generali appellant ma jistax inaqqas l-ammont imhallas zejjed b'mod awtomatiku minn xi beneficju, allowance jew xi ghajnuna ohra li jkun qieghed jrcievi l-individwu.*' Or mai hija l-umli fehma tal-appellat li I-preskrizzioni ghandha tibda tidekorri minn meta induna u fil-fatt fil-

kaz odjern, id-Direttur Generali Sigurta' Socjali talab ir-rifuzjoni lura tal-hlas fl-istess sena meta induna u cioe' fl-2021.

12. Illi kieku kellha tapplika l-preskrizzjoni kif qieghda tishaq l-appellanta, illi kieku jkun fl-interess tal-beneficcjarji kollha li jostru l-informazzjoni mill-entitajiet pubblici sabiex jibbenefikaw minn dawk li huma taxxi tal-poplu u li tramite t'hekk tkun qieghda tinholoq ingustizzja ma min genwinament jhallas it-taxxa.'

Id-Direttur appellat talab ghalhekk li din il-Qorti tichad l-appell odjern.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u konsegwentement l-appell gie differit ghad-decizjoni ghallum.

7. Rat l-atti kollha tal-appell kif ukoll tal-arbitru.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi permezz ta' decizjoni ohra ta' din il-Qorti moghtija llum stess il-kaz tar-ragel tal-appellanti Anthony Said kif relatat mal-istess kuntratt ta' bejgh ta' mmobbli u l-allegata nuqqas ta' 'disclosure' din il-Qorti kkunsidrat u ddecidiet kif isegwi:

*'8. Illi mill-kopja tal-process tad-Dipartiment esebita fl-atti, partikolarment mill-kopja tal-minuti tal-istess a fol. 23 et seq tal-process jirrizulta li verament id-Dipartiment kien ilu nfurmat bl-introjtu mill-kuntratt ta' bejgh tal-proprjeta' immobbli mill-anqas sa minn Marzu 2014 (ara minuta numru 22). Il-Qorti rat ukoll li permezz tal-minuta numru 31 li saret f'April, 2014 intalab sabiex ir-rata mhallsa lill-appellant tigi riveduta. Nonostante dan kien biss fis-sena 2017 li fil-minuti jigi dikjarat li l-kaz gie rivedut (ara minuta numru 36). Wara dan kien biss fis-sena 2022 li d-Dipartiment deherlu li ghandu jaghti kwantifikazzjoni ta' dak li suppost thallas zejjed u jinforma lill-appellant bid-decizjoni tieghu li kellha tithallas lura is-somma ta' €25,347.32. Konsegwentement intbaghtet l-ittra datata 30 ta' Awwissu, 2022 (fol. 65) li permezz taghha l-appellant gie nfurmat bid-decizjoni ta' Direttur Generali tas-Sigurta Socjali appellata u cioe' disa' (9) snin wara li sar il-kuntratt in kwistjoni u tmien (8) snin wara li d-Dipartiment kien infurmat bl-ezistenza tieghu u bil-pretensjoni tal-appellant li huwa kien zamm il-flus sabiex ihallas xi spejjez.*

*9. Illi b'referenza ghar-risposta tad-Direttur appellat, verament din il-Qorti tqis li l-versjonijiet tal-appellant tul is-snin jistghu jidhru xi ftit kunfliggenti ghaliex lura fis-sena 2014 huwa sostna li zamm il-flus sabiex ihallas xi spejjez fid-dar filwaqt li permezz ta' affidavit li sar fis-sena 2021 gie dikjarat minn terz Alvin Spiteri Debono li kienet dovuta lilu s-somma ta' €41,000 mill-appellant liema somma nghata lill-appellant fuq tul ta' zmien u thallset lilu wkoll fuq tul ta' snin mill-appellant Ghandu jinghad izda li dawn il-versjonijiet mhux neccessarjament jikkontradixxu lil xulxin ghaliex facilment*

*setghu jikkonkorru z-zewg ragunijiet sostnuti mill-appellant anki in vista tat-trapass ta' numru ta' snin bejn il-kuntratt in kwistjoni u z-zmien effettiv li d-Direttur intimat iddecieda li jirrevedi l-kaz u finalment jiehu decizjoni. Li hu cert hu li verament l-appellant zamm il-flus hu ghaliex ma dahlux il-bank izda l-appellant ma prezentax prova ta' rcevuti dwar l-ispejjez li jallega. Il-Qorti izda tirrileva li ghalkemm verament l-appellant kellu l-obbligu li jressaq tali prova wiehed ma jistax ma jikkunsidrax il-fatt li dawn il-provi minghandu ntalbu mid-Dipartiment bosta snin wara. In oltre l-Qorti ma tistax tlum lill-appellant li pproduca l-affidvait ta' Alvin Spiteri Debono fis-sena 2021 stante li kien f'dak iz-zmien li huwa ntalab jipprovdi l-istess u mhux qabel.*

*10. Illi minn analizi tal-provi fl-atti din il-Qorti tqis li n-nuqqasijiet da parti tad-Direttur appellat li dam snin twal sabiex jinvestiga u jiehu decizjoni dwar il-kaz tal-appellant jqajjem bosta dubji dwar jekk hux minnu li l-appellant abbuza mis-sistema jew altrimenti hux biss vittma tas-sistema li damet snin twal sabiex investigat il-kaz tieghu. Il-Qorti rat mill-atti li l-appellant kien ilu snin twal jibbenefika mill-beneficcji socjali anki minhabba mard u rat mix-xhieda ta' Alvin Spiteri Debono li s-sitwazzjoni tal-appellant qatt ma kienet wahda facli tant ukoll li ghandu tifel b'disabilita'. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-versjoni moghtija mill-appellant li l-flus li dahlu mill-bejgh tal-immobbli in kwisjtoni mill-ewwel intefqu fi spejjez fid-dar u f'dejn dovut lil terzi hija dik veritiera b'dana li allura kellu jigi konkluz li hu jissodisfa t-test tal-mezzi u mhux ifallih. Tant hu hekk li mart l-appellant fis-sena 2017 issodisfatt mal-istess dipartiment it-test tal-mezzi u bdiet tinghata hi ukoll il-*

*pensjoni tal-eta u konsegwentement il-pensjoni kontributorja. Dan nonostante li d-Dipartiment kien ilu snin infurmat bil-kuntratt u l-introjtu in kwistjoni. Jekk mhux hekk allura din il-Qorti bilfors ikollha tahseb li d-Dipartiment mhux qed jaghmel xoghlu sew biex minn naha lill-mart l-appellant qiesha li tissodisfa t-test tal-mezzi u minn naha l-ohra ma ndunax li r-ragel taghha kellu l-kaz tieghu qed jigi nvestigat.*

*11. Illi in oltre din il-Qorti ma fehmitx il-bazi legali li applika l-Arbitru meta ddistingwa bejn is-snin precedenti ghas-sena 2017 u mis-sena 2017 il-quddiem ghal dak li huwa hlas anki ghaliex mid-dokumenti esebiti, fuq kollox, jidher li fis-sena 2017 u snin susegwenti ghal xi raguni l-appellant ippercepixxa anqas beneficcji mis-snin ta' qabel.*

*12. Illi din il-Qorti tqis li la darba rrizultaw nuqqasijiet serji da parti tad-Direttur fl-investigazzjoni tal-kaz odjern partikolarment id-dewmien mhux gustifikat li pogga lill-appellant f'posizzjoni zvantaggata li wara hafna snin kellu jiprovdi evidenza dwar dak li sehh diversi snin qabel, allura dawn in-nuqqasijiet certament ma jistghux ma jinghatawx l-importanza li haqqhom tant li jimminaw il-pretensjoni kollha tad-Direttur u mhux biss parti minnha.*

*13. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis li d-decizjoni tad-Direttur appellat li jitlob il-hlas lura tas-somma ta' €25,347.32 f'beneficcji socjali percepiti mill-appellant mihiex legalment u fattwalment gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-appell odjern.*

*Decizjoni*

***Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-appell odjern billi  tilqa' l-aggravju u l-appell tal-appellant u  tirrevoka u tannulla is-sentenza tal-arbitru tal-21 ta' Awwissu 2023 limitatament fejn ordnat lill-appellant ihallas lura lid-Dipartiment il-hlas zejjed ghall-perjodu mill-15 ta' April 2017 sal-22 ta' April 2019 u tikkonfermaha fil-bqija.***

*Bl-ispejjez fic-cirkustanzi minghajr taxxa bejn il-partijiet.'*

9. Illi in vista ta' dik id-decizjoni l-Qorti tqis li l-aggravji tal-appellanti relatati mal-pretensjoni da' parti tad-Direttur intimat li l-appellanti naqset milli taghmel 'disclosure' ta' xi flus huma gia decizi b'dana li din il-Qorti ma tqisx l-argumentazzjoni tad-Direttur intimat bhala gustifikat, taghmel taghha l-argumentazzjoni f'dik is-sentenza wkoll ghal dan l-appell w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-aggravji tal-appellanti relatati mal-istess u cioe' l-ewwel u t-tieni aggravju;

10. Illi in oltre u relazzjoni mal-kaz odjern u cioe' f'dak li jirrigwarda l-mara din il-Qorti zzid li r-ragunament tad-Direttur intimat, li pretenda li fis-sena 2017 l-appellanti kellha bilfors tiddikjara flus parafernali li ghaddew ghand ir-ragel taghha lura fis-sena 2013, ma jaghmel l-ebda sens la fattwali u wisq anqas legali. Il-fatt li r-ragel tal-appellanti dahhal dawn il-flus lura fis-sena 2013 xejn ma jfisser li

erbgha snin wara dawn b'xi mod kienu ghadhom f'idejh wisq aktar f'idejn martu l-appellanti. Id-Direttur pretenda li l-appellanti taghmel 'disclosure' ta' xi haga li l-probabilta' hi li fis-sena 2017 ma kinitx tezisti – kif tista' l-appellanti tressaq prova kif hija nefqet xi haga li fis-sena 2017 ma kinitx hemm! Kif sewwa tissottometti l-appellanti l-obbligu taghha tad-'disclosure' emana fis-sena 2017 u mhux qabel. Din il-Qorti mihiex konvinta daqs kemm hu konvint id-Direttur appellat li l-appellanti b'xi mod ma ddikjaratx il-verita'! In-nuqqas aktar jirrizulta li kien da parti tal-istess dipartiment li kellu l-kaz tar-ragel appellanti pendenti sa mis-sena 2014 u lanqas biss induna meta gie biex jawtorizza l-applikazzjoni taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll din il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti huma gustifikati.

11. Illi la darba din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti, tqis li jkun futli li tidhol f'analizi u decizjoni tat-tielet aggravju li jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet aggravju, tilqa' l-appell tal-appellanti u tghaddi sabiex tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-arbitru tal-21 ta' Awwissu 2023 li kkonfermat id-**

**decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali tal-10 ta' Jannar 2022 fl-intier taghha u tikkonferma li ma hemm ebda somma dovuta mill-appellanti lid-Direttur appellat.**

**Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat.**

**Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Assistent Registratur**